

# L-Istatwa Artistika ta' San Ġużepp fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta

**kitba ta' Mark Micallef B.Com**

Wara li s-sena l-oħra ktibt dwar l-istatwa ta' San Ġużepp fi Triq il-Kbira fil-Mosta, din is-sena jmiss li ngħid xi ħaġa dwar l-istatwa ta' San Ġużepp li tinsab meqjuma b'tant għożża mill-Mostin fil-Knisja Arċipretali.

Żewġ saċerdoti Mostin Monsinjur Ġlormu Chetcuti u ħuh Dun Salv, wara li raw l-istatwa li ġab il-Kappillan ta' Ħal Kirkop, Dun Ġużepp Barbara DD, jingħad li qabbdu lill-iskultur Mosti Salvu Dimech biex jaħdem l-istatwa tal-ġebel fi Triq il-Kbira. Dan ma kienx biżżejjed iżda riedu jdaħħlu aktar id-devozzjoni lejn San Ġużepp fil-Mosta. Fil-fatt, ftit snin wara, propju fl-1889, fi żmien l-ewwel l-Arċipriet li kellha r-Rotunda, Dun Pawl Xuereb inġabet l-istatwa tassew ħelwa ta' San Ġużepp. Tispikka ħafna b'dak il-Bambin ħlejju li għandu rieqed f'idu. Din hija xogħol tal-kartapesta u nġiebet mill-fabbrika Franċiża ta' *Galard et Fils* ta' Marsilja.



Il-Ħruġ tal-Purċissjoni bl-Istatwa ta' San Ġużepp fil-Mosta nhar id-19 ta' Marzu.

Din l-istatwa ntogħġbot ħafna u dritt sarilha pedestall sabiħ li ġie tassew jixirqilha. Il-pedestall huwa mżejjen bi skultura eleganti ħafna. Is-sena 1889, is-sena li fiha nġabet l-istatwa, tidher żgraffita fuq l-iskudett tal-faċċata tan-naħa ta' wara tal-pedestall. Jispikkaw f'dan il-pedestall l-erba' mensoli maestużi li għandu, u li fuqhom jistrieħu erba' anġli mill-aktar ħelwin. Dawn saru madwar sena wara u nġiebu mill-istess fabbrika *Galard et Fils*, minn fejn



L-Istatwa artistika ta' San Ġużepp meqjuma fir-Rotunda. Wieħed ma jistax ma jinnotax ix-xebh perfett ma' dik li tinsab f'Ħal Kirkop, li iżda saret 5 snin qabel.



ingiebet l-istatwa ta' San Ġużepp. Dawn l-anġli qegħdin iżommu f'idejhom simboli marbuta ma' dan il-Qaddis.

Dan il-pedestall huwa disinn u xogħol ta' Mastru Pawl Bugeja. Mastru Pawl Bugeja kien skultur ta' ħila kbira, kif juri xogħlijiet tiegħu li għandu fil-knejjes ta' pajjiżna. Ftit, irnexxielna niksbu tagħrif dwaru ħlief li kien mir-Rabat ta' Malta u li nhadem bejn wieħed u ieħor lejn l-aħħar għoxrin sena tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin. Apparti l-pedestall ta' San Ġużepp, fost ix-xogħlijiet li għamel, ħadem il-pedestall tad-Duluri u ventartal ta' l-artal tas-Salib li jintramaw fil-festa Liturġika nhar l-14 u l-15 ta' Settembru, il-gandlieri l-primi ta' l-artal maġġur tal-festa ta' Santa Marija u l-pedestall tar-relikwa li jintrama fuq l-artal ta' San Ġużepp għall-festa tiegħu.



Kemm l-anġli tal-pedestall u kemm il-pedestall innifsu, ma narawhomx fin-niċċa matul is-sena għaliex ma jidhlux. Dawn però narawhom fl-okkażjoni tal-festa li ssirlu fid-19 ta' Marzu; dari kienet issir fit-Tielet Hadd fuq l-Għid. Fl-okkażjoni tal-festa, issir il-purċissjoni bil-vara. L-istatwa ġiet indurata kif narawha llum fil-Belt Valletta fl-1974. Ta' min jgħid li meta wasal fil-Mosta d-digriet ta' l-Inkurunazzjoni, fl-istess sena, dan kien intwera fin-niċċa ta' din l-istatwa sakemm din il-vara kienet għall-induratura.

**Referenzi:**

George Cassar, Joseph G. M. Borg, Il-Mosta, il-Mostin u r-Rotunda tagħhom matul iż-żminijiet. (Malta, 2007). pp. 264.

Il-Mosta Magazine, Harġa Nru 4 (Vol.II), pp. 51, 52, 53.

Għal aktar tagħrif żuru s-sit: www.mostarotunda.com





L-erba' anġli li jsebbħu l-pedestall ta' l-istatwa Ġużeppina tal-Mosta.